Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 428 / 2016

Il-Pulizija

vs

**Simon Anthony Robert Tartaglia**

**U**

**Timothy Dennis Bonello**

Illum, 30 ta' April, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Simon Anthony Robert Tartaglia, iben John Gordon, imwieled Britannika, fl-24 ta' Mejju, 1983 detentur tal-karta tal-passaport Ingliz 513593142 u Timothy Dennis Bonello, iben Mario, imwieled Sliema, fil-15 ta' Dicembru, 1997 detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18098 (m), akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Fid-9 ta' Gunju 2016 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, ircevejtu minghand xi hadd iehor xi weghda li tinghataw, lilkom jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor tant liema ghamla li jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini tal-Artikolu 298 C tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, zmien, lok u cirkostanzi, kkagunajtu lil haddiehor lil haddiehor u cioe lil Julian Bonnici (ID 466597 (M)) u lil Marie Cassar (ID 331178( M)) biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom, jew kontra l-

persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1), ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet ukoll bir-rispett mitluba sabiex f' kaz ta' htija torbot lil l-appellat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Settembru, 2016 fejn il-Qorti fuq nuqqas ta' provi ddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u lliberathom minn kull piena u htija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Settembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi mill-kaz skond il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi fit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta ghaddiet biex taghti sentenza u ghaldaqstant illiberat lill-istess appellati Simon Anthony Robert Tartaglia u Timothy Dennis Bonello minhabba n-nuqqas ta' dehra tal-kwerelanti.

Illi jibda biex jinghad illi mill-atti processwali odjerni jirrizulta li fis-smiegh ta' dan il-kaz inzammu tlett seduti:-

1. Fl-ewwel seduta mizmuma fis-10 ta' Gunju 2016 deher l-ufficjal prosekutur kif ukoll l-imputati debitament assistiti fejn inqraw u gew ikkonfermati bil-gurament l-akkuzi dedotti kontrihom[1];
2. Fit-tieni seduta mizmuma fil-21 ta' Gunju 2016, deher l-ufficjal prosekutur u l-

[1] Fol. 5 tal-atti processwali odjerni

imputati. Dakinhar xehdu bil-gurament l-istess ufficjal prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi u Christian Cali. Inhareget ukoll ordni ta' protezzjoni favur Marie Cassar u Julian Bonnici[2];

3. Fit-tielet seduta mizmuma fis-6 ta' Settembru 2016, deher l-Ufficjal Prosekutur u l-imputati. Il-prosekuzzjoni iddikjarat li m' ghandiex riferti ta' Julian Bonnici u ta' Marie Cassar. Id-difiza talbet il-liberatorja. *"Il-Qorti rat li fis-seduta tat-21 ta' Gunju 2016 il-kwerelanti debitament notifikati ma dehrux biex jixhdu. Rat ukoll li laqas dehru ghas-seduta tal-lum ghalkemm il-prosekuzzjoni ddikjarat li m' ghandiex riferti taghhom"*. Ghaldaqstant, l-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza u tillibera lill-imputati[3].

Illi, ghaldaqstant, minn dak li inghad iktar ' il fuq, ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti ma semmietx l-artikolu specifiku li hija applikat proceduralment fis-sentenza taghha meta giet biex taghti d-decizjoni taghha fil-konfront ta' l-appellat, il-probabilita' hija li l-istess Qorti applikat il-procedura stipulata fl-artikolu 374 (c) u (d) tal-Kodici Kriminali u dana dejjem in vista tal-kunsiderazzzjoni maghmula mill-Qorti.

Illi, f' dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi l-procedura stipulata ai termini tal-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali[4] ma hijiex applikabbli ghal-kaz odjern u dana ghaliex l-imsemmi artikolu espressament jistipula:

*"Fil-kazijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz[5], ghandhom jitharsu d-disposizzjonijiet li gejjin ..."*

L-artikolu 373 jistipula f' liema kazijiet l-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz, fil-fatt dan l-artikolu jistipula:

> *"Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz[6]."*

---

[2] Fol. 16 & 17 tal-atti processwali odjerni

[3] Fol 56 tal-atti processwali odjerni

[4] Li fost affarijiet ohra jistipula s-segwenti, fis-subartikolu (c): *jekk ma tidher ebda wahda mill-partijiet, il-kawza tigi mhassra mil-lista* u fis-subartikolu (d): *jekk fl-ewwel seduta ma jidhrix il-kwerelant u jidher biss il-kwerelat, dan jista' jitlob li jigi lliberat.*

[5] Enfazi tal-esponent

[6] Enfazi tal-esponent.

Illi f' dan ir-rigward ir-reati li bihom kienu akkuzati l-appellati Simon Anthony Robert Tartaglia u Timothy Dennis Bonello, u cioe' ir-reat tal-uzurija ai terminu tal-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali u r-reat ta' meta ohrajn jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom, ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, m' humiex prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza izda huma prosegwibbli *ex officcio* mill-Pulizija Ezekuttiva. Dana qieghed jinghad il-ghaliex sabiex reat ikun prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza huwa necessarju illi l-ligi tiddisponi espressament li tkun mehtiega l-kwerela privata[7]. Kuntrarjament ghal dan, fil-kaz tar-reati addebitati lill-appellati, il-ligi ma tistipulax tali rekwizit. B' hekk isegwi illi fil-kaz odjern l-azzjoni kriminali ma tmissx lill-parti leza.

Illi in oltre, hekk kif jirrizulta mill-verbali tal-ewwel Onorabbli Qorti, il-proceduri fil-kaz odjern tmexxew mill-pulizija ezekuttiva. Fil-fatt fil-proceduri odjerni l-parti offiza hija semplici xhud (anke jekk xhud indispensabbli) tal-prosekuzzjoni u dana dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet aspettanti lil parti offiza ai termini tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali li fl-ebda hin ma huma qed jigu kkontestati. B' hekk isegwi illi l-attendenza o meno ta' l-istess partijiet lezi u cioe' Marie Cassar u Julian Bonnici ma kellha taffettwa bl-ebda mod l-proceduri odjerni (u dana in vista tal-fatt illi l-proceduri kienu qed jitmexxew *ex officio* fl-liema proceduri l-parte civile huwa sempliciment xhud hekk kif spjegat iktar ' il fuq).

Illi, f' dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi minkejja l-fatt illi l-proceduri odjerni huma ta' natura sommarja u kwindi huwa rikonoxxut li tali kawza ma ghandhiex iddum tkaxkar inutilement, dan bl-ebda mod ma jimpedixxi l-ewwel Onorabbli Qorti milli taggorna smiegh ghal data ohra u dana dejjem konsiderando r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Filfatt anke jekk naraw l-artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali li tittratta l-ghoti tas-sentenza f' kawza sommarja jinghad li ' *meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza*[8]*, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista jkun*[9]*, taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'* . Huwa interessanti li wiehed jinnota li d-dover legali huwa mpost principalment fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza u in oltre dan mhux b' mod stringenti (*jekk jista jkun*). Effettivament allura

[7] Artikolu 543(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[8] Emfazi tal-appellant.
[9] Emfazi tal-appellant.

filwaqt li l-Qorti tinstab inkuraggata li taghti sentenza fuq kawza sommarja dak inhar li jinghalqu l-provi dan ghandu jsir biss jekk possibbli da parti tal-Qorti. Filfatt dan il-punt tqajjem fil-kaz **Pulizija vs Frank Borg** deciza mill-Imhallef Harding fejn b' referenza ghal din id-disposizzjoni li dak iz-zmien kien l-artikolu 389 tal-Kodici Kriminali *' ..l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliciment biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemmx xejn li jimpedixxili ghal raguni gusta, anki mill-Qorti ' marter proprio' , jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex titibiddel l-imputazzjoni…'* [10]. In oltre u in sostenn ta' dan l-argument jirrizulta li mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta' l-provi jinghalqu li kwindi ma tindika f' ebda mod li dawn il-provi kellhom jinstemghu ukoll u ilkoll fl-istess jum li inghatat is-sentenza .

**Illi, ghaldaqstant isegwi illi kif inghad iktar ' il fuq, fil-fehma tal-esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment zbaljata meta ghaddiet ghas-sentenza u illiberat lil Simon Anthony Robert Tartaglia u Timothy Dennis Bonello mill-akkuzi dedotti kontra taghhom. Dana qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-partijiet lezi, fil-procediment odjern, kienu semplici xhieda tal-prosekuzzjoni.** Ma ninsewx ukoll li l-istess xhieda ma dehrux sempliciment ghaliex ma kienux debitament notifikati, u mhux b' xi kapricc taghhom! Fic-cirkostanzi u anke fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti, dak li kellha taghmel l-ewwel Onorabbli Qorti kien illi taggorna smiegh tal-kawza ghal data ohra u tiehu dawk il-provedimenti kollha necessarji (dejjem skond il-ligi) sabiex tassigura l-attendenza tal-partijiet ghas-seduta sussegwenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' April 2019.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[10] 6 ta' Marzu 1954, Imhallef Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D, il-Pulizija vs Frank Borg, Qorti tal-Appell (Ir-Raba Parti).

Ikkunsidrat,

Illi bhala fatti jirrizultaw is-segwenti in breve:

1. L-appellati Simon Anthony Robert Tartaglia u Timothy Dennis Bonello kienu tresqu l-Qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-vesti taghha sommarja akkuzati bir-reati li jitmexxew ex udficcio u cioe ir-reat ta' biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kotnra l-proprjeta taghha jew kotnra l persuna jew prorpjeta tal axxendenti taghhom kif dispota fl-artikolu 251B u bir-ret ta' uzura kinf kotnemolat fl-artikolu 298C tal-kodici Kriminali u dan nhar l-10 ta' Gunju, 2016.
2. Illi fil-jum tal-prezentata l-appellat Bonello ingahta il-liberta provisorja filwaqt li l-appellat Tartaglia baqa' arrestat.
3. Illi fis-seduta sussegwenti u cioe nhar il-21 ta' Gunju 2016 xehed l-ispettur Maurice Curmi, Christian Cali u Tartaglia inghata l-liberta provisorja.
4. Illi f'dik l-istess seduta tal-21 ta' Gunju, 2016 il-Qorti harget Protection Order favur Marie Cassar u Julian Bonnici.
5. Jidher li dakinhar ghas-seduta tal-21 ta' Gunju, 2016 ix-xhieda Julian Bonnici u Marie Cassar kienu notifkati biex jidhru ghas-seduta kif jirrizulta min notifiki esebiti fl-atti a fol 18 u 19, pero' minn ezami tal-verbal ta' l-istess jum dawn l-istess xhieda ma attendewx ghall-udjenza u ma jidhrix li ttiehed xi provediment fil-konfront taghhom minkejja li kienu notifikati.
6. Fis-seduta sussegwenti mizmuma fis-6 ta' Settembru 2016 l-prosekuzzjoni idikjarat li ma kellhiex riferti ta' Julian Bonnici u ta' Marie Cassar u l-prosekuzzjoni tablet differitment biex tressaq ix-xhieda taghha.
7. Illi l-ewwel Qorti ghaddiet biex tilqa' t-talba tad-difiza ghall-liberatorja tal-appellati .
8. L-Avukat Generali intavola appell minn dik id-decizjoni ghaliex hass li gie priv mill-opportunita' li jressaq il-provi tieghu in sostenn tal-akkuzi minnu migjuba.

Ikkundsidrat ulterjorment,

M'hemmx dubbju li l-verbal fl-atti hu l-vangelu tal-kawza u kwalunkwe fatt li gara fil-kawza li wahda mill-partijiet mhiex sodisfatta bih ghandu jsib ruhu verbalizzat fl-atti tal-kawza. Dan hu proprju dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2016 meta l-Qorti ordnat il-liberatorja tal-appellati. L-ewwel Qorti hasset li minkejja li l-prosekuzzjoni talbet differiment biex tressaq il-provi taghha hija kellha tichad tali talba u dan ghaliex kif sostniet fis-sentenza taghha l-kwerelanti ma wrewx interess f'dawn il-proceduri "*ghal raguni li jafuha huma biss.*" Hija sostniet li l-allegati vittmi ma wrew l-ebda interess f'dawn il-proceduri stante li fis-seduta antecidenti ghal dik tal-21 ta' Gunju 2016, minkejja li kienu notifikati biex jidhru l-Qorti dawn naqsu li jghamlu dan,

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Joseph Dougal[11]** il-Qorti kienet irriteniet illi "*Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta.*"

Il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diverrsament preseduta fl-ismijiet l**-Pulizija Vs Sammut Peter Ferdinans K/a Pierre**[12] fejn inghad li:-

"*Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.*

*Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u*

*(i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D. nhar it-23 ta' Settembru 2002.

*(ii)* *(ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza*

Dan ifisser, allura, kif tajjeb osservat din l-istess Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Portelli et[13]** illi hemm zewg[14] cirkostanzi biss fejn il-Qorti f'kawzi ta' natura sommarja hija gustifikata tghaddi ghas-sentenza fin-nuqqas ta' smigh ta' xi xhud u dan meta jew il-Prosekuzzjoni tonqos milli turi li taghmel dmirha billi ma tipprezentax riferta li tindika illi sar it-tentattiv biex jigi innotifikat ix-xhud jew meta ikun hemm riferta negattiva li madanakollu tindika illi x-xhud ma ikunx gie notifikata minhabba xi nuqqas minn naha tal-prosekuzzjoni.

Dan kien l-istess ragunament milqugh minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il –Pulizija vs Emanuel Buttigeg[15]** fejn intqal illi**:-**

"Huwa car illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tassigura li l-provi kollha li jkollha biex tipprova l-kaz taghha konta l-akkuzat ghandhom jingiebu l-Qorti dak in-nhar li tkun ser tinstema l-kawza. Dan japplika zgur ghal kawzi sommarji (kif inhi din in desamina). Isiru arrangamenti ohra f'kawza b'hafna xhieda li ma jsitghux jinstemghu f'gurnata wahda, imma zgur illi x-xhud principali bhal ma hu f'dan il-kaz ghandu jigi prodott jew tigi prodotta riferta tieghu.

Issa f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma kienitx f'posizjoni li tinforma lill-Qorti dwar ir-riferta. L-ufficcjal prosekutur naqas mill-obbligi tieghu impsoti mill-ligi dan in-nuqqas ghandu bla dubbju ta' xejn imur favur l-akkuzat u jintitolah jitlob li l-kawza titkompla. Regola iebsa fuq il-prosekuzzjoni, imma min naha l-ohra l-Qorti u l-akkuzat ghandhom id-dritt li jkunu jafu jekk il-prosekuzzjoni ghamlitx l-almu taghha biex issib ix-xhud, Inkella il-kawzi jibqghu jitwalu.

F'dan il-kaz, jirrizulta minn esami tal-verbal a fol. 56 li l-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta notifika anke jekk addirittura negattiva biex tindika lil Qorti li ppruvat

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Jannar 2017.
[14] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor Dr Godwin Muscat Azzopardi nhar il-11 ta' frar, 1991

taghmel hiltha kollha biex tinnotifika lix-xhieda li kienu tant bzonnjuza u kwindi l-Ewwel Qorti kienet fid-dmir li tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tisma provi.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur